# The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

**Aggornament tar-Ricerka dwar Familji Mhallta**

**Il-Parlament**

**27 ta' Gunju 2023**

**Marie Louise Coleiro Preca**

**Fundatriċi u Chair**

**Onor President tal-Kamra tar-Rapprezentanti**

**Onor Ministru Dr Michael Falzon**

**Prof Angela Abela, Dr Sue Vella, Prof Sue Piscopo u Ms Alison Zammit Said**

**Kollegi u Hbieb**

Insellmilkom u nilqaghkom għal din il-laqgħa ta' aġġornament dwar l-istudju riċerkat, li l-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, b'kollaborazzjoni ma' l-Universita' ta' Malta, qeghda taghmel dwar Familji Mhallta.

Dan  l-studju huwa holqa ohra fil-katina ta' studji riċerkati li l-Fondazzjoni bdiet taghmel sa' mill-2016, dwar ir-relazzjonijiet u l-familji.

Liema studji dejjem kienu mmexxija primarjament mill-Professur Angela Abela, flimkien ma' tim ta' akkademiċi u riċerkaturi ohra.

Sa' mill-ewwel studju rajna, li l-familji mhallta kienu qed jiżdiedu u kienet diġà bdiet tidher il-htiega ta' riċerka dwar dawn il-familji u t-tfal taghhom.

Fl-2016 ma kien ghad hemm l-ebda viżibilità fuq il-qaghda u r-relazzjoni tat-tfal li jikbru f'familji mħallta u r-rabtiet li jridu jibnu ma' sħab il-genituri taghhom, u ma' aħwa ġodda.

Dan l-istudju riċerkat li issa ilu madwar sentejn li nbeda, qieghed kull ma jmur dejjem jagħtina għarfien aktar ċar tas-sitwazzjoni, dwar dawn l-izviluppi fis-socjeta' taghna.

Għalkemm l-istruttura tal-familja nukleari tradizzjonali ilha tinbidel matul is-snin, ftit li xejn hemm studji li japprofondixxu l-kumplikazzjonijiet li jiffaċċjaw familji mħallta ġodda, speċjalment it-tfal.

L-għan ewlieni tal-Fondazzjoni huwa, li permezz ta' dan l-istudju, tindirizza dan il-gap fir-ricerka, biex imbaghad tghin biex tinforma anke 'l Policy.

Fit-tnehdija ta' dan l-istudju riċerkat, nhar il-25 ta' Frar 2021, dawn il-miri ġew ippreżentati lill-Onor President tal-Kamra tar-Rapprezentanti, Dr Anglu Farrugia.

Il-Fondazzjoni tapprezza li l-President ta' l-oghla istituzzjoni ta' pajjiżna, fehem mill-ewwel l-importanza ta' dan l-istudju. Ghalhekk irrid niehu l-okkazjoni biex nirringrazzjak Mr Speaker, li hloqt dan l-ispazju mehtieg f'din il-binja mportanti, biex inkomplu naggornaw lilek direttament, kif ukoll lill-Poplu 'n ġenerali ta' dawn il-gzejjer.

Familja mħallta hija familja rikostitwita, fejn wieħed jew iż-żewġ ġenituri għandhom tfal minn relazzjoni preċedenti, iżda ngħaqdu flimkien biex jiffurmaw familja ohra ġdida bejniethom.

Il-ġenituri jistgħu jkunu anke f'relazzjoni tal-istess sess jew eterosesswali u jistgħu, jew ma jistgħux, ikollhom tfal ma' xulxin.

Fl-ewwel studju ricerkat, li kien wiehed kwantitattiv, bit-titolu ta': **Sustaining Relationships: Couples and Singles in Malta** li gie ippublikat fl-2016 kienu pparteċipaw 2,400 persuna.

Minn dan l-ewwel studju ħareġ car għall-ewwel darba li f'Malta 53% tad-divorzjati u 37% ta' dawk separati kienu daħlu f'relazzjoni ġdida.

Din il-prevalenza tqieset bhala sinifikanti, u li kien jistħoqqilha aktar attenzjoni u ricerka min-naha taghna.

Studju iehor din id-darba kwalitattiv bl-isem **Sustaining Relationships: The expectations and lived experiences of couples in Malta** segwa l-ewwel studju kwantitattiv u gie ippubblikat fl-2017.

Dan it-tieni studju kompla jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jidħol aktar fil-fond fir-relazzjonijiet ta' wara s-separazzjoni.

Minn dan l-istudju, kienu diversi parteċipanti li esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-kumplessità tar-relazzjonijiet li kienu qed jghixu fihom, speċjalment meta qieset it-trobbija tat-tfal jew mill-ewwel familji tagħhom, jew tas-sieħeb tagħhom.

**Issa niġi ghal-lum.**

Nistqarr li jiena kuntenta ħafna li illum qed inkomplu nibnu fuq l-ewwel passi li hadna sa' mill-2016.

Illum ser inkunu qed naqsmu magħkom il-vuċi tat-tfal u l-fehmiet tagħhom, u tal-ġenituri rispettivi tagħhom, fi ħdan familji mħallta.

It-tfal tkellmu u dak li qalu huwa ta' importanza kbira.

Fost l-aktar partijiet ta' l-istudju li impressjonawni, huwa fejn it-tfal ħeġġew lill-ġenituri bijoloġiċi tagħhom biex jibqgħu ċivili ma' xulxin, ]biex jikkomunikaw b'aktar rispett, u biex jagħtu prijorità lill-wellbeing taghhom, it-tfal.

Kuntenta li t-tfal ħassewhom komdi biżżejjed biex jaqsmu l-esperjenzi taghhom waqt l-intervisti li saru maghhom.

Fatt iehor li johrog car, u li nixtieq li ssemmi huwa l-mod kif ipprotegew lill-ġenituri tagħhom u aċċettaw is-sitwazzjoni.

Għalija dan jirrifletti fuq r-rwol importanti li l-ġenituri ghandhom, fit-trawwim ta' relazzjonijiet b'sahhithom ma' uliedhom, kif ukoll dwar il-htiega li tiġi żviluppata linja ta' kommunikazzjoni ċara u onesta bejn il-ġenituri u t-tfal tagħhom.

Meta dan l-istudju jitlesta, huwa ttamat li se jkun mezz, li jinforma, lil awtoritajiet fil-gzejjer Maltin, kif ukoll li jaghti kontribut ghal wellbeing ta' forom differenti ta' familji.

Qabel naghlaq irrid nirringrazzja lilek Mr Speaker, lil Onor Ministru Dr Michael Falzon, lil membri tas-Segretarjat ta' l-Ispeaker u l-haddiema

tal-Parlament, lil Prof Angela Abela, li qed tmexxi dan l-istudju, lil Dr Sue Vella u lil Prof Sue Piscopo kif ukoll lil Allison Zammit Said.

L-ahhar u mhux lanqas it-Tim tal-Fondazzjoni, specjalment lil Angie u Lorella u lit-Tim taghhom, Martina u Laura.